MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2007

Avviz Numru. 76/2003

**Atlas Insurance Agency Ltd fil-kwalita' taghha ta' agent tas-socjeta' estera AXA Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Zachary Limited abbasi tal-polza tal-assigurazzjoni u tal-ligi**

**Vs**

**John Ripard & Son Limited bhala agenti f'Malta tas-socjeta estera CFG Overseas s.r.l.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine talbet sabiex dik konvenuta nomine tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas is-somma ta' elfejn tmien mija u wiehed u sebghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm2,871.60) rappresentanti survey fee u l-valur ta' hsara illi saret f'merkanzija illi giet impurtata Malta mis-socjeta' konvenuta nomine, liema merkanzija kienet tappertjeni lis-socjeta assigurata tas-socjeta' attrici, Zachary Limited u

kienet ingabet Malta fuq il-vapur MV Hoheweg li wasal Malta fis-19 ta' Frar 2002. Illi ai termini tal-polza ta' assiguarzjoni, is-socjeta' attrici hallset lill-assigurata taghha l-valur tal-merkanzija danneggjata u cjoe is-somma ta' Lm2,721.60. Illi d-danni gew kkawzati unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza u imperizja da parti tas-socjeta' konvenuta nomine jew ta' nies inkarigati minnha u dana stante illi l-contanier illi kien provdut ma kienx ta' kwalita' tajba u ghalhekk l-istess socjeta' nomine ghandha taghmel tajjeb ghall-imsemmija danni, inkluz s-survey fees ammontanti ghal Lm150.

Bl-imghax mid-data tal-pagament u bl-ispejjes kontra l-konvenuti nomine li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta nomine (fol 4 u fol 10 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-istess socjeta attrici ghaliex s-socjeta konvenuta qdiet il-funzjonijiet taghha skond il-ligi u skond is-sengha u ikkonsenjat l-merkanzija fl-istess stat li rceviet l-istess.
2. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost skond il-polza tal-karigu (Dok A) is-socjeta konvenuta mhiex responsabbli ghal danni li gew kagjonati b'risultat ta' xi difett fil-container uzat mis-"shipper" jew l-agenti tas-Shipper. L-artikolu 7.2 tal-polza jipprovdi inter alia li "The merchant shall be liable for any loss, damage … caused … by the defect or unsuitability of the containers … when supplied by the Merchant …".
3. Minghar pregudizzju ghal fuq espost r-responsabilita tas-socjeta konvenuta hi limitata skond il-polza.

Salvi eccezzjoni ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 39 ibid u n-nota spjegattiva tas-socjeta attrici a fol 40 ibid.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi mix-xhieda ta’ Brian Valenzia (fol 12 sa fol 27 tal-atti) ibid, u mid-dokumenti esebiti minnu u dik ta’ John Schiavone (fol 27 u fol 28 ibid) kollha prodotti mis-socjeta attrici nomine jidher li s-socjeta Zachery Limited, assikurata mas-socjeta attrici nomine, kienet importat hawn Malta, “container” kontenenti detergenti ta’ certa marka. L-istess “container” kien wasal f’Malta fid-19 ta’ Frar 2002 fuq il-valur MV Hoheweg, u meta kien nfetah, instab li “… hafna mill-kaxxi” kontenenti l-merkanzija li semmejt kienu mxarbin peress li l-container” kien imtaqqab. Bhala konsegwenza l-kaxxi imxarrbin ma setghux jinbieghu fis-suq lokali. Minhabba li l-“labels” tal-prodott in kwistjoni kienu mqattghin. In rigward l-istess “container”, kien gie osservat li dan kellu “hafna sadid u hafna toqob fih” (ara r-ritratti minn fol 24 sa fol 26 tal-istess atti). In rigward il-merkanzija is-socjeta assikurata ma dik attrici,li da parti taghha kienet halset ir-risarciment kollu kienet inkarigat lil dik konvenuta li taghmel dan, dan il-trasport mill-fabbrika barranija sakemm tasal hawn Malta. Jigi notat, ukoll, li “Il-container f’dan il-kaz gie provdut mill-istess Ripard” (fol 28 ibid).

Ikkunsidrat

Illi Michael Buttigieg (fol 30 sa fol 36 ibid) in rappresentanza tas-socjeta’ konvenuta xehed testwalment “Fil-fatt is-supplier fl-Italja ta’ Zachary Limited ikkuntatja lill-kumpanija CFG Overseas u talab sabiex din id-ditta tipprovdilu “container”. Pero l-istess xhud kompla sabiex jghid illi “… il-kumpanija CFG Overseas inkarigat ditta ohra bl-isem ta’ Adriamar Venezia sabiex tipprovdi dan il-container u tesportah lejn Malta”. Inoltre l-container kien tghabba fuq vapur “li, pero, ahna ma ahniex l-agenti tieghu”. L-istess xhud kompla biex jsostni li s-“supplier” fl-Italja ossija Brill Manitoba, li timmanifattura l-prodotti in kwistjoni kienet resposnabbli sabiex titghabba din il-merkanzija fil-“container” in kwistjoni. Ghalhekk a basi tal-premess ix-xhud invoka dak stipulat fil-paragrafu 7.2 tal-“bill of lading” (fol 34 ibid) u li permezz tieghu r-

responsabiita' f'dan il-kaz giet akkolata lill-“merchant” ossija is-socjeta barranija li ghabbiet il-merkanzija prodotta minnha fil-“container” provdut mid-ditta msemmija inkarigata mill-istess “supplier” (ara ukoll id-dokumenti a fol 35 u fol 36 ibid).

<u>Ikunsidrat</u>

Ili in atti a fol 40, tinsab <u>nota</u> sottomessa mis-socjeta attrici nomine u permezz taghha saret referenza specifika ghal parti mix-xhieda moghtija minn Michael Buttigieg u li ghaliha di gja saret referenza ghaliha skond l-istess xhud di fatti il-“container” in kwistjoni kien gie provdut minn socjeta bl-isem tal-Adriamar Venezia <u>u dan fuq inkarigu tal-kumpanija CFG Overseas</u>, li taghha s-socjeta konvenuta hi l-agent hawn Malta.

Illi, ghalhekk, jidher car u evidenti illi s-socjeta konvenuta nomine ghandha tigi ritenuta reponsabbli ghall-provvista tal-“container” in esami da parti tas-socjeta estera rappresentata minnha hawn Malta.

<u>Ikkunsidart</u>

Illi ma saret l-ebda kontestazzjoni dwar l-allegazzjoni illi l-merkanzia in kwistjoni giet danneggjata minhabba difetti fl-istess “container”, liema difetti kienu <u>l-kawza diretta</u> ta' dawn id-danni (ara f'dan ir-rigward <u>ir-ritratti</u> esebiti a fol 24 sa fol 26 ibid u d-dokumenti esebiti mix-xhud <u>Brian Valenzia</u> li ghalihom di gja saret referenzi.

Illi lanqas ma ingiebet xi prova sabiex, biha, jista' jigi kontestat il-“quantum” ta' danni mitlub skond l-avviz jew dak mitlub in rigward “survey fee”.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u tikkundanna lis-socjeta konvenuta nomine sabiex thallas lil dik attrici nomine s-somma komplessiva ta' Lm2871.60 bl-imghax legali mill-5 ta' Frar 2003 (u mhux minn dik kif mitluba fl-avviz in esami) sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------